13 ta' Novembru, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Sultana *versus* Nazzareno Ciantar

**Retratt — Ċedola ta' Depożitu — Nullità — Simulazzjoni — Spejjeż Rimborżabili lir-Retrattarju — Likwidazzjoni — Art. 1499 u 1504 tal-Kodiċi Ċivili.**

*F'materja ta' retratt, anki f'każ fejn ma jkunx hemm simulazzjoni, ir-regola hi li r-retraent għandu rapporti max-xerrej biss—dejjem in riferenza għat-trasferimnet li jkun ta lok għall-irkupru—mingħajr ma jitqiesu l-aljenazzjonijiet posterjuri tal-fond; u konsegwentement fil-konfront tal-kumpratur biss issir il-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż rimborżabili mir-retraent skond il-liġi.*

*Jekk ir-retrattarju jkun irrilaxxja l-fond lil ħadd ieħor, għax dan ikun eżerċita rkupru fuq il-fond, u dak ir-retratt ikun ġie dikjarat mill-Qorti fittizju, u hekk ikunu ġew annullati l-effetti tiegħu b'effett retroattiv, il-fatt li r-retrattarju jkun hekk irrilaxxja l-fond lil dik it-terza persuna ma jbiddilx il-pożizzjoni ġuridika; għax dak ir-rilaxx għandu jitqies bħal kieku ma eżista qatt quddiem ir-retraent.*

*Għaldaqstant, iċ-ċedola li biha r-retraent jintegra d-depożitu billi jiddepożita l-ispejjeż minnu rimborżabili skond il-liġi, ma hix nulla billi tkun saret favur il-kumpratur biss, u mhux favur ukoll ir-retraent l-ieħor; avvolja l-kundanna għar-rivendizzjoni, fil-kawża fejn ġie dikjarat fittizju r-retratt, tkun saret kontra dak ir-retraent l-ieħor.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress illi b'ċedola ta' l-irkupru u kontestwali depożitu tat-8 ta' Awissu 1945 (dok. A) l-attur irkupra minn għand il-konvenut il-lok ir-Rabat, Malta, Triq San Katald, numru 27, u ddepożita l-prezz u l-imgħax salgurnata ta' l-irkupru; u peress illi b'ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 1951 (dok. B) il-konvenut ippretenda li għad baqgħalu jieħu minn għand l-attur £184. 7. 6 għar-raġunijiet imsemmija fl-istess ittra uffiċjali, mingħajr ma ġieb ebda riċevuta u prova li din is-somma hija dovuta, u dana speċjalment għall-ammonti ta' £28. 17. 6 imħallsa lil Carmelo Ciantar, £27. 4. 6 lil Serafin Buhagiar. £3. 8. 2 lil Frank Micallef,

£22. 8. 0 lil Salvatore Abela, u £23 lil Carmelo Fenech, mentri l-attur għandu informazzjoni li l-istess somom jirriferixxu għal xogħlijiet u spejjeż li, jekk saru, ma sarux millkuntratt tax-xiri 'l hawn; u peress illi l-imgħax reklamat ta' £43 mhumiex dovuti ħlief mill-ġurnata li l-konvenut jiġġustifika l-ispiża; peress illi l-attur, bla preġudizzju, iddepożita s-somma reklamata biex jirreintegra d-depożitu skond il-liġi, iżda żamm ir-riżerva biex jagħmel dina l-kawża (dok. C); (1) jiġi likwidat l-ammont li mill-£184. 7. 6 reklamat millkonvenut fl-ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 1951 hija realment dovuta mill-attur lill-konvenut skond il-provi u ġustifikazzjonijiet li l-konvenut iġib matul il-kawża tal-partiti reklamati; (2) il-konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi lill-attur is-somma li tirriżulta indebitament pretiża mill-konvenut, u minnu żbankata mir-Reġistru ta' dina l-Onorabbli Qorti indebitament, bl-imgħax tal-5% fuq dina l-istess somma mid-29 ta' Settembru 1951, ġurnata tad-depożitu. sal-pagament; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-imsemmija ċedola tad-depożitu, jeħtieġ qabel xejn jiġu rikapitolati fil-qosor il-fatti li pprećedew dina l-kawża;

(a) B'ċedola preżentata quddiem dina l-Qorti fit-8 ta' Awissu 1945 l-attur kien irkupra mill-poter tal-konvenut il-fond deskritt fiċ-ċitazzjoni;

(b) B'kuntratt pubblikat minn Nutar Dr. Carmelo Giuseppe Vella fl-14 ta' Awissu 1945, il-konvenut, bil-pretest li Giuseppe Sammut ried u kellu d-dritt li jirkupra, irrilaxxja l-fond favur l-istess Sammut, u dana, minn naħa tiegħu, ikkostitwixxa ruħu debitur ta' Ciantar fis-somma ta' £980. 3. 10, li fiha kienu kompriżi l-ispejjeż erogati minn Ciantar f'dak il-fond, u li l-lum jiffurmaw oġġett ta' dina l-kawża;

(c) B'ċitazzjoni quddiem dina l-Qorti, l-attur, fost ħwejjeġ oħra, talab li l-imsemmi trasferiment favur Sammut ikun dikjarat simulat, u kwindi null, u mhux ta' ostakolu għall-eżerċizzju ta' l-irkupru eżerċitat mill-attur;

(d) Dina l-Qorti, bis-sentenza tad-29 ta' Meju 1951 (li minnha ma jidherx li sar appel), wara li rriteniet li ċ-

ċirkustanzi kienu juru li dak ir-rilaxx kien sar unikament għall-komodu tal-konvenut Ciantar, akkoljiet id-domandi ta' l-attur; u peress li dak il-ħin possessur tal-fond kien Sammut, ordnat lil dana Sammut jagħmel hu r-rivendizzjoni favur l-attur;

(e) B'ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 1951, il-konvenut, waħdu, interpella lill-attur biex jirreintegra d-depożitu magħmul biċ-ċedola ta' rkupru, u jiddepożita s-somma ulterjuri ta' £184. 7. 6;

(f) L-attur, b'ċedola tad-29 ta' Settembru 1951, effettwa dak id-depożitu u żamm id-dritt li jikkontesta dak l-ammont — dak li qiegħed jagħmel fil-kawża odjerna;

Illi l-konvenut jippretendi li d-depożitu kellu jsir favur Giuseppe Sammut, bħala dak li ġie kundannat għar-rivendizzjoni tal-fond; iżda dina l-pretensjoni mhix aċċettabili, għarraġunijiet hawn taħt miġjuba:—

(1) Għaliex, di regola, anki f'każ fejn ma jkunx hemm simulazzjoni, ir-retraent għandu rapporti max-xerrej biss, dejjem in riferenza għat-trasferiment li jkun ta lok għar-rkupru, mingħajr ma jitqiesu l-aljenazzjonijiet posterjuri tal-fond (arg. art. 1499 Kodiċi Ċivili, u l-ġurisprudenza kostanti f'dina l-materja); u konsegwentement, fil-konfront tal-kumpratur biss issir il-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż rimborżabili skond il-liġi (arg. art. 1504 Kodiċi Ċivili);

(2) Għaliex, fil-każ preżenti, ir-rilaxx tal-fond favur Giuseppe Sammut ma biddelx il-pożizzjoni ġuridika tal-konvenut Ciantar, billi, dikjarat fittizju dak it-trasferiment u annullati l-effetti tiegħu bl-imsemmija sentenza, kwalunkwe pretensjoni ta' Sammut spiċċat b'effett retroattiv; b'mod li hu għandu jitqies bħal kieku ma eżista qatt quddiem l-attur. Igħid maġistralment Butera:— "L'oggetto dell'azione di simulazione consiste nell'accertare l'inesistenza del rapporto apparente nel negozio simulato assoluto, e quindi la ripristinazione automatica della situazione reale delle cose, in antitesi a quella decorativa.......... Rimosso il negozio fittizio, sottentra in tutta la sua pienezza la realtà della situazione giuridica vera". Aktar 'il quddiem l-istess awtur ikompli jgħid: "La sentenza che annulla l'atto simulato riveste, come ogni altra sentenza, carattere dichiarativo, e quindi retroattivo, e

perciò opera 'ex tunc', e non 'ex nunc'." U fl-aħħar dak l-awtur jipprevedi l-każ ta' simulazzjoni ta' trasferiment ta' fond, u jikkonkjudi:— "La sentenza............ rende manifesto che l'atto è inesistente, spoglio di ogni valore giuridico, e quindi improduttivo di qualsiasi effetto, siccome quello che 'colorem habens, substantiam vero nullam'. L'immobile è considerato come se mai fosse uscito dal patrimonio dell'alienante" (Simulazione nei Negozi Giuridici, § 115, pag. 371, 372 e 373);

Illi xejn ma jiswa li fl-att tar-rilaxx Giuseppe Sammut ikkostitwixxa ruħu debitur anki fl-ispejjeż li jiffurmaw oġġett tal-kawża odjerna; għaliex dik il-kostituzzjoni ta' dejn, ladarba t-trasferiment tal-fond ġie annullat u Sammut tilef il-fond, saret għalih mingħajr kawża, u, jekk anki ħallas lil Ciantar, għandu dritt għar-rimborż;

Illi lanqas ma jista' jkollu importanza l-fatt li għar-rivendizzjoni ġie kundannat Sammut biss; għaliex il-Qorti evidentement adottat il-kriterju tal-pussess tal-fond kontemplat fl-art. 1491 (1) Kodiċi Ċivili;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi kienet regolari ċ-ċedola taddepożitu meta saret fil-konfront tal-konvenut biss. Diversament, l-attur kien jistultifika ruħu, u kien jiġi jirrikonoxxi lil Sammut, mentri b'sentenza irrevokabili dana Sammut kien ġie dikjarat sempliċi prestanom ta' Ciantar;

Illi għall-istess konsiderazzjonijiet fuq miġjuba, għamel sewwa l-attur li ma ħarrekx lill-imsemmi Giuseppe Sammut;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċedola tad-depożitu tad-29 ta' Settembru 1951, kif ukoll l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità tal-ġudizzju, opposti mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tal-10 ta' Jannar 1953, biex titkompla fil-meritu.